

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Högsta förvaltningsdomstolen (l-Isvezja)  
fis-26 ta' Jannar 2023 – Keva, Landskapet Ålands pensionsfond u Kyrkans Centralfond vs  
Skatteverket**

(Kawża C-39/23, Keva et)

(2023/C 121/10)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Qorti tar-rinviju**

Högsta förvaltningsdomstolen

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Keva, Landskapet Ålands pensionsfond u Kyrkans Centralfond.

Konvenut: Skatteverket.

**Domandi preliminari**

- 1) Il-fatt li d-dividendi mhalla minn kumpanniji nazzjonali lil istituzzjonijiet tal-irtirar pubbliċi barranin huma suġġetti għal taxxa fras il-għajn, filwaqt li d-dividendi korrispondenti ma humiex intaxxati jekk jakkumulaw lill-Istat proprju permezz tal-fondi ta' pensjoni ġenerali tiegħu, jikkostitwixxi trattament diskriminatorju negattiv li jinvolvi restrizzjoni fuq il-moviment liberu tal-kapital ipprojbita, fil-prinċipju, mill-Artikolu 63 TFEU?
- 2) Jekk tingħata risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda, liema huma l-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-evalwazzjoni ta' jekk istituzzjoni tal-irtirar pubblika barranja hijex f'sitwazzjoni li hija oġġettivament paragħunabbli ma' dik tal-Istat proprju u l-fondi ġenerali ta' pensjoni tiegħu?
- 3) Restrizzjoni potenzjali tista', għal raġunijiet prevalenti ta' interessa pubbliku, titqies iġġustifikata?

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Frar 2023 minn Westfälischen Drahtindustrie GmbH et mis-sentenza mogħiġiha mill-Qorti Ġeneral (Is-Seba' Awla Estiża) fit-23 ta' Novembru 2022 fil-Kawża T-275/20,  
Westfälische Drahtindustrie GmbH et vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-70/23 P)

(2023/C 121/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellant: Westfälische Drahtindustrie GmbH, Westfälische Drahtindustrie Verwaltungsgesellschaft mbH & Co. KG, Pampus Industriebeteiligungen GmbH & Co. KG (rappreżentanti: O. Duys u N. Tkatchenko, Rechtsanwälte)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

L-appellant jitkolbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġogħobha:

- tannulla s-sentenza appellata;
- tiddikjara invalida l-ittra tal-Kummissjoni Ewropea tat-2 ta' Marzu 2020, li permezz tagħha l-Assistent Direttur Ġenerali għall-Baġit tal-Kummissjoni talbet li Westfälische Drahtindustrie GmbH tħallas lill-Kummissjoni ammont ta' EUR 12 236 931,69;